# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 2/2021 BS**

**Josephine Grech għan-nom u in rappreżentanza tal-imsefrin uliedha Micheline Sultana u Robert Sultana**

**-vs-**

**Paul Muscat u Frida Saliba**

***Deċiżjoni In Parte***

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. *"Illi fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) miet fir-Rabat, Għawdex, Joseph Sultana, iben il-mejting Michael Sultana u Micheline nee' Sammut, hekk kif jidher mill-kopja tac-Certifikat tal-Mewt ħawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 7 b'dokumenti a fol 8 sa 24.

2. *Illi hekk kif jidher mir-ricerki relattivi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. D u Dok. E, l-imsemmi Joseph Sultana rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro tad-disgħa (9) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hmistax (2015) kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. F;*

3. *Illi permezz tal-imsemmi testment, Joseph Sultana filwaqt li ħassar, irrevoka u annulla kull testment ieħor qabel dak, innomina u istitwixxa b'eredi universali tiegħu lill-konvenuti Frida u Paul aħwa Muscat filwaqt li ddikjara li 'ma jridx li uliedu jibbenefikaw b'xi mod mill-wirt tiegħu u lanqas imisshom il-porzjoni riżervata lilhom fil-Liġi';*

4. *Illi l-esponenti bħala ulied l-istess Joseph Sultana għandhom kull dritt illi jitolbu l-porzjoni riżervata skont il-Liġi u għalhekk iridu li tiġi likwidata lilhom il-porzjoni riżervata u dan wara li jiġi dikjarat li d-dispożizzjoni testamentarja magħmula minn missierhom Joseph Sultana hija waħda nulla u inattendibbli u konsegwentement l-Onorabbli Qorti tħassar l-effetti tagħha;*

5. *Illi għalkemm interpellati entro t-terminu ta' sentejn mill-mewt tal-missier Joseph Sultana permezz tal-Ittra Uffiċċjali Nru. 278/2020 (Dok. G) sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riżervat lill-atturi spettanti skont il-Liġi, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża."*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *"Tiddikjara d-dispoizzjoni testamentarja magħmula minn Joseph Sultana fit-testament tiegħu fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro tad-disgħa (9) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hmistax (2015) fit-tieni artikolu fejn ordna illi l-atturi uliedu lanqas imisshom il-porzjoni riżervata lilhom fil-Liġi bħala nulla u inattendibbli u konsegwentement tħassar l-effetti tagħha;*

2. *Tistabilixxi u tillikwida l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Sultana, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

3. *Sussegwentement tillikwida s-sehem riżervat ossia legittima hekk likwidata dovuta lill-istess atturi;*

4. *Tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi dak is-sehem riżervat ossia legittima hekk likwidata;*

5. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' hlas tas-sehem riservat f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuratur/i nominand/i li jinħatar/ru sabiex jirrappreżenta/w lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

6. *Fin-nuqqas u f'każ li jirrizulta illi l-porzjoni riżervat ma jistax jitħallas fizikament, tordna l-bejgħ bis-subbasta ta' l-istess beni sabiex mir-rikavat ikun jista' jitħallas is-sehem riservat ossia legittima favur l-atturi mill-wirt u suċċessjoni ta' Joseph Sultana, fil-gurnata, hin u lok li jigu ordnati kif ukoll bin-nomina ta' kuratur/i sabiex jirrappreżenta/w lill-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez inklużi dawk tal-Ittra Uffiċċjali Nru. 278/2020 kontra l-konvenuti li minn issa huma mħarrka għas-subizzjoni kif ukoll bl-imgħaxijiet dekorribbli skont il-Liġi."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

i. *"Illi t-talbiet tal-atturi qed jigu kkontestati fid-dritt u fil-fatt.*

ii. *Illi huwa fl-ewwel lok kontestat li d-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Joseph Sultana fit-testment tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 atti Nutar Dottor Maria Vella Magro li permezz tiegħu ordna li jigu dizereditati l-atturi wliedu hija nulla u inattendibbli u dan peress li din id-disposizzjoni tiegħu kienet gustifikata għall-aħħar u saret skont il-liġi, kif se jiġi ppruvat ulterjorment f'din il-kawza;*

iii. *Illi fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju għall-premess, anki f'każ li jiġi dikjarat li din id-disposizzjoni testamentarja hija nulla u inattendibbli, sabiex tiġi assenjata l-porzjoni riservata lill-atturi, għandhom jigu evalwati kemm l-assi u anki l-krediti li d-decuius kellu mal-mewt tiegħu, kif ukoll l-ispejjez inkorsi mill-konvenuti biex aċċettaw u ddenunzjaw il-wirt. B'mod partikulari, jehtieg li qabel xejn, għall-fini tal-komputazzjoni relattiva, jitnaqqsu d-debiti li Joseph Sultana kellu lejn il-persuni li rrendewlu servigi u assistenzi, kif ukoll spejjez ta' dikjarazzjoni causa mortis u spejjez oħra nkorsi mill-esponenti.*

[2] Risposta guramentata a fol 29 u 30.

iv. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-prokuri rilaxxati mill-atturi aħwa Micheline u Robert Sultana lill-ommhom Josephine Grech sabiex l-istess setgħet tipprocedi f'isimhom b'din l-istanza.[3]

**Rat** ic-certifikat tal-mewt ta' Joseph Sultana li miet fl-1 ta' Mejju, 2020 fir-Rabat, Għawdex.[4]

**Rat** ir-ricerka testamentarja dwar l-istess Joseph Sultana[5] skont liema d-decujus għamel testmenti fl-2003, l-2010 u l-2015[6] b'dak tal-2015 – precizament tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro – ħassar u annulla kull testment precedent tiegħu.[7]

**Rat** li fuq talba tal-atturi magħmula waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2021,[8] ingħata d-digriet tal-31 ta' Mejju, 2021 li bih ġiet ordnata l-inverzjoni tal-provi dwar il-gustifikażżjoni tad-dizeredazzjoni tal-atturi.[9]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tas-17 ta' Gunju, 2022 li biħa ppreżentaw ftehim datat it-28 ta' April, 2022 u ffirmat minnhom u minn missierhom Albert Muscat li bih qablu li missierhom irrenda servigi, kuri, u assistenzi lill Joseph Sultana għal numru ta' snin u ftehmu għalhekk dwar il-kumpens dovut lilu in vista tad-detti servigi, kuri, u assistenzi.[10]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Gunju, 2022 il-konvenuti ddikjaraw magħluqħa l-provi tagħhom dwar l-eċċezzjoni tad-dizeredazzjoni.[11]

[3] Prokura tal-attriċi a fol 8 u 9. Prokura tal-attur a fol 10 u 11.
[4] Certifikat tal-mewt numru 127/2020 a fol 12.
[5] Ricerka a fol 13 sa 18.
[6] Ref. certifikat dwar testmenti pubblici a fol 14.
[7] Ref. l-Ewwel Artikolu tat-testemnt imsemmi bit-testment jinsab in atti a fol 19 u 20.
[8] Ref. verbal a fol 33 u 34.
[9] Digriet a fol 35.
[10] Nota a fol 87, kuntratt a fol 88 u 89.
[11] Verbal a fol 90.

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2022 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa.[12]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2023 xehdu rappreżentanti ta' diversi bankijiet kif ukoll dak tal-Borża ta' Malta għal skop ta' preservazzjoni ta' informazzjoni li għad tista' tiġi neċessarja[13] bl-istess testimonjanzi, iżda, mhumiex rilevanti għall-iskopijiet ta' din id-deċiżjoni in parte.[14]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-22 ta' Novembru, 2023 il-partijiet ilkoll iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u l-kontroeżamijiet eżawriti bil-kawza ġiet differita għal-lum għas-sentenza fuq it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti bil-fakoltà li jiġu ppreżentati noti tal-osservazzjonijiet.[15]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawċa**, inkluż id-dokumenti eżibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Frida Saliba**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[16]

Tiddikjara li hija tiġi oħt il-konvenut Paul Muscat u bint Maria Pia Muscat, oħt id-decujus Joseph Sultana.

Tgħid li bl-aħħar testment tiegħu zijuħa Joseph Sultana nnomina lilha u lil ħuha Paul bħala eredi tiegħu. Iżżid li fit-tieni artikolu tal-aħħar testment tiegħu, zijuħa ta' provvediment dwar uliedu, l-atturi, li kien ilhom snin twal jirrifjutaw li jkellmuh.

---

[12] Verbal a fol 118.
[13] Ref. verbal tal-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2023 a fol 179
[14] Ref. traskrizzjonijiet a fol 190 *et seq* – mux ilkoll paginati.
[15] Verbal mhux paginat.
[16] Affidavit a fol 39 sa 43.

Tiddikjara li zijuħa għamel żmien jgħix l-Amerika mal-eks mara tiegħu Josephine Grech u wliedu, l-atturi, li lkoll twieldu u għadhom jgħixu hemm. Iżżid li eventwalment zijuħa u familtu kellhom jittrasferixxu ruħhom Għawdex iżda wara li zijuħa ġie Għawdex għalkollox fl-2002, martu u wliedu ma segwewhx kif kien il-pjan.

Tgħid li zijuħa għamel bosta sforzi sabiex jara u jkellem lil uliedu l-atturi, iżda dawn ma baqgħux ikellmuh. Tiddikjara li malli nduna li mhux ser isegwuh Għawdex zijuħa saħansitra mar lura l-Amerika fejn iżda ma kienx ġie milqugħ minn martu u wliedu. Iżżid li anqas meta l-atturi kienu jkunu għal btala Għawdex ma ommhom ma kienu jfittxuh jew ikellmuh. Iżżid li jekk kien ifittixhom jew jipprova jkellimhom hu, huma kienu jirrifjutawh.

Tiddikjara li zijuħa kien jilmenta magħhom li kien ikun fil-pjazza tan-Nadur b'uliedu jgħaddu minn quddiemu meta jkunu Għawdex u anqas ikellmuh.

Tgħid li fl-2007 meta l-kuġini tagħha l-atturi kienu Għawdex ommha stednithom f'darha u dawn aċċettaw biss li jmorru dment li ma jkunx hemm missierhom.

Tgħid li zijuħa kien jilmenta magħhom li ma jafx x'setà għamel sabiex warbuh uliedu. Tgħid li dan baqa' jgħidu sal-aħħar, meta kien fuq is-sodda tal-mewt tiegħu.

Tgħid li zijuħa ħada bi kbira ħafna meta l-attur bidel kunjomu għal kunjom ommu fuq il-mezzi tal-medja soċjali.

Tgħid li kull meta zijuħa prova jċempel lil wliedu kienu jaqtgħulu t-telefon. Iżżid li jekk kien jibgħatilhom kartolina jew rigal dawn kienu jibgħatuhom lura.

Tiddikjara li lil kuġinta l-attriċi hija kienet tkellimħa tramite l-medja soċjali. Tgħid li kienet tipprova tikkonvinċiħa tkellem lil missierha u tgħid lil ħuħa l-attur jagħmel l-istess. Tgħid li t-tentattivi tagħha rnexxew ftit u biss fir-rigward tal-attriċi.

Tiddikjara li fl-2016 hija ltaqgħet ma' kuġinitha l-attriċi l-festa tan-Nadur waqt li kuġinitha kienet fuq btala mill-Amerika. Tgħid li kienu tkellmu

u l-attriċi kienet marret tara lill-missierha d-dar ta' oħtu – omm ix-xhud. Tgħid li wara din il-grajja zijuħa Joseph u l-attriċi baqgħu f'kuntatt u hu kien iċemplilha. Tgħid li kull meta kellem lil attriċi zijuħa kien jitlobħa tikkonviċi lil ħuħa l-attur ikellmu. Iżżid li minkejja dan l-attur baqa' qatt ma kellmu.

Tgħid li zijuħa marad lejn Ottubru, 2018 bit-tobba ma tantx kienu tawh żmien ħajja. Tgħid li malli saru jafu b'dan hi infurmat lil attriċi u reġgħet talbitħa tipprova tikkonvinċi lill-attur iffittex lil missieru. Tesibixxi kopji ta' kommunikażżjonijiet li kellha mal-attriċi dwar dan.[17]

Tgħid li tul iż-żmien li zijuħa kien marid, l-attriċi kienet ġiet tarah darba għand il-ġenituri tagħha – tax-xhud – fejn hu kien jgħix. Tgħid li għal dan il-għan l-attriċi ġiet Għawdex għal xi ħmistax-il jum tul liema żmien rat lil missierha xi tliet darbiet. Iżżid li għajnuna mingħandha ma kienx hemm b'dak kollu li kien neċessarju għal zijuħa kien jagħmlu missierha – missier ix-xhud.

Tgħid li l-ġenituri tagħha kienu jieħdu ħsieb ta' zijuħa mill-bidu nett li rritorna jgħix Għawdex mill-Amerika, inkluż fil-bżonnijiet ta' saħħa u sptar. Iżżid li l-bżonnijiet ta' zijuħa żdiedu drastikament meta dan marad serjament. Tgħid li hi u ħuha kienu wkoll jagħtu sehemhom inkluż meta zijuhom kien l-Isptar Malta anke tul il-pandemija tal-Covid-19.

Tgħid li minkejja li l-bżonnijiet ta' zijuħa kienu kbar, kienu biss huma li kienu u baqgħu jduru bih. Tgħid li apparti dik id-darba li ġiet għal ħmistax bint zijuħa, l-attriċi, l-istess attriċi qatt ma reġgħet ġiet tara lil missierha jew offriet xi għajnuna.

Tgħid li kien fl-2018, wara d-dijanjosi terminali, li t-tobba stess tawhom suġġeriment jgħidu lil zijuħa biex jekk ma kellux testment jagħmel wieħed. Iżżid li missierha kien qal b'dan lill zijuħa li rrisponda li ma kellux ħtieġa jbiddel it-testment li kellu stante li kien u baqa' jħossu abbandunat minn uliedu.

Tagħlaq billi tgħid li kien iddispjacieħa li l-attriċi anqas bagħtet bukkett fjuri għall-funeral ta' missierha.

[17] *Print-outs* ta' konversazzjonijiet tramite medja socjali a fol 44 sa 46.

**In kontroeżami**, xeħdet[18] li l-valur ta' €45,000 li ħallsu lil missierhom ta' kuri, serviġi u assistenzi li rrenda lil zijuhom Joseph Sultana stabbilewh billi kkunsidraw li missierhom kien ilu mill-2016 jieħu ħsieb ta' zijuhom, jitimgħu, jaħsillu ħwejġu, jiġborlu l-pilloli, jieħdu l-isptar eċċetra u raw li kieku kellhom iqabbdu lin-nies għal dan kollu l-ammont kien jitla'.

Taqbel li fuq is-somma ta' €45,000 qablu hi u missierha Albert Muscat, mhux marru għand ħaddieħor li għinhom jistabbiluħa.

Tgħid li l-assistenzi reżi minn missierha lill zijuħa kienu ħafna għax zijuħa kien spiċċa mank jimxi sew u, wara dan, il-kumplikażżjonijiet baqgħu jiżdiedu.

Taqbel li huma qabblu li l-€45,000 jitħallsu mal-bejgħ ta' proprjetà. Tgħid li l-istess proprjetà għadha ma nbigħetx u għadha għalhekk proprjetà tagħha u ta' ħuħa.

Taqbel li zijuħa Joseph Sultana kellu żewġt itfal li t-tnejn jgħixu l-Amerika. Taqbel li almenu bintu kellha kuntatt miegħu. Iżżid iżda li dan kien dan l-aħħar biss.

Taqbel ukoll li kien hemm drabi fejn bint Joseph Sultana kienet Għawdex u lil missierha żaritu.

**Paul Muscat**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[19]

Jikkonferma dak kollu li xeħdet oħtu, il-konvenuta.

Iżid li lejn Ottubru/Novembru, 2018 zijuh kien beda jaqta' n-nifs. Jgħid li hu u missieru ġrew bih l-isptar fejn nstab li kellu l-pulmun mimli bl-ilma. Jgħid li dakinhar it-tobba qalulhom iġibu qassis sabiex jagħtih il-Griżma tal-Morda.

Jgħid li missieru kien jieħu ħsieb tal-bżonnijiet ta' zijuh sa mill-2016, wara li zijuh ħareġ mill-isptar bi problema f'dahru u mar jgħix għand missieru – missier ix-xhud.

[18] Traskrizzjoni a fol 126 sa 129.
[19] Affidavit a fol 47 sa 50.

Jgħid li minn hemm 'il quddiem zijuh baqa' jgħix ma' missieru – missier ix-xhud – anke wara l-mewt ta' ommu – omm ix-xhud – u missieru kien jeħodlu ħsieb ta' kollox, inkluż tal-iġjene personali tiegħu. Jgħid li meta missieru ma baqax jiflaħ għal zijuh waħdu kien imur hu jgħin lil zijuh jinħasel u kien anke jqaxxarlu l-leħja.

Jiddikjara li wara li zijuh ġie dijanjostikat b'marda terminali l-bżonnijiet tiegħu żdiedu ħafna u kienu huma li baqgħu jieħdu ħsiebu.

Jgħid li zijuh darba qallu, bid-dmugħ f'għajnejh, li jiddispjaċieh li ibnu ma baqax ikellmu.

Jgħid li huma baqgħu jieħdu ħsieb ta' zijuhom sal-aħħar nifs tiegħu.

**In kontroeżami**, xehed[20] li dwar is-somma ta' €45,000 dovuta lill misseru ddecidew huma.

Jikkonferma r-rimanenti xhieda li tat in kontroeżami oħtu, il-konvenuta Frida Saliba.

**Frank John Mario Said**, konoxxent tad-decujus Joseph Sultana, xehed permezz ta' affidavit.[21]

Jiddikjara li lil Joseph Sultana kien ilu jafu ħajtu kollha stante li nanntu u omm Joseph joqogħdu fl-istess triq.

Jgħid li Joseph kien mar jgħix l-Amerika u kellu familja hemm. Jgħid li hu wkoll għamel żmien l-Amerika b'dan li hu u Joseph kienu jiltaqgħu anke hemm. Iżid li hu u Joseph dejjem baqgħu ħbieb u jfittxu lil xulxin kemm l-Amerika kif ukoll Għawdex meta l-ewwel irritorna hu u lil Joseph kien jarah meta jkun Għawdex fuq xi btala, u wara rritorna Joseph waħdu.

Jgħid li hu jbigħ il-ħaxix bit-trakk u allura kemm-il darba waqaf quddiem ta' Joseph fejn kienu jitkellmu.

[20] Traskrizzjoni a fol 130 u 131.
[21] Affidavit a fol 51.

Jgħid li Joseph l-ewwel kien jgħix għal rasu fl-istess triq fejn kienet tgħix oħtu Maria Pia Muscat u, wara li marad mar jgħix fid-dar ta' oħtu u żewġha Bertu Muscat. Iżid li dak iż-żmien Maria Pia kienet diġà mietet għalhekk kien idur b'Joseph żewġha, Bertu.

Jgħid li jaf li Bertu kien jieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha ta' Joseph, inkluż ta' sptarijiet, tant li kemm il-darba rahom ġejjin jew sejrin mill-isptar flimkien.

Jiddikjara li l-konvenuti Frida u Paul kienu jgħinu lil missierhom Bertu bil-bżonnijiet ta' zijuhom Joseph.

Jgħid li l-atturi, ulied Joseph, kienu jgħixu l-Amerika iżda kienu jkunu Għawdex fuq btajjel fejn hu ġieli rahom in-Nadur. Iżid li lil dawn qatt ma rahom għand jew ma' Joseph u Joseph kemm-il darba qallu li kien iddispjaċut li wliedu ma jkellmuhx.

**Albert sive Bertu Muscat**, li martu Maria Pia Muscat kienet oħt id-decujus Joseph Sultana, xehed permezz ta' affidavit.[22]

Jikkonferma x-xhieda mogħtija minn uliedu l-konvenuti Paul Muscat u Frida Saliba.

Iżid li darba waqt li Joseph kien fuq it-telefon ma' bintu, l-attriċi, huwa kien kellimħa u qalilha li missierha kien ħazin ħafna u talabħa tipprova tikkonvinċi lil ħuħa, l-attur Robert, ikellmu.

Jgħid li Robert baqa' ma jkellimx lil missieru sal-aħħar inkluż wara li, u minkejja, li missieru  kien marid terminali.

Jgħid li huwa beda jieħu ħsieb ta' Joseph fl-2016 bil-bżonnijiet tiegħu baqgħu dejjem jiżdiedu u jikbru partikolarment wara li fl-2018 ġie dijanjostikat b'marda terminali.

Jgħid li saħansitra ġarrab weġgħet hu waqt li kien jgħin lil Joseph stante li Joseph kien raġel kbir u tqil.

---

[22] Affidavit a fol 52 sa 55.

Jgħid li kien hu li għarraf lil Joseph bid-dijanjosi terminali tiegħu u qallu jekk ridtx jagħmel jew jibdel xi testment. Iżid li ħawn Joseph kien qallu li ma xtaq jibdel ebda testment għaliex skontu kien u baqa' abbandunat minn uliedu.

**In kontroeżami**, xehed[23] li Joseph Sultana kien hu martu. Dwar il-valur ta' €45,000 li għandu jitħallas lilu għal serviġi, kuri, u assistenzi reżi lill Joseph jgħid li huwa ħa ħsieb ta' Joseph sa mill-bidu nett.

Mistoqsi kif waslu għal valur ta' €45,000 jgħid li huwa ma jafx kif waslu għal dik is-somma. Iżid li kienu wliedu l-konvenuti li ħassew li kellhom ituh daqshekk. Jgħid li hu ma talabx tali somma.

Muri l-iskrittura tat-28 ta' April, 2022 a fol 88 tal-proċess jgħid li fuqħa jagħraf il-firma tiegħu. Iżid li ma jafx xi ffirma għax nesa. Jgħid li jaqra jaf.

Awtroizzat mill-Qorti sabiex jieħu l-ħin u jaqra l-iskrittura jgħid li xorta qass jiftakar kif seħħet.

Jgħid li hu ma ħa ebda €45,000. Iżid li minkejja li l-firma tiegħu tidher fuq dik l-iskrittura hu ma ħa ebda flus.

Mistoqsi x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għal tali skrittura jgħid li hu kien jieħu ħsieb ta' Joseph Sultana f'kulma kellu bżonn, tisjir, ħasil tal-ħwejjeġ, sptarijiet eċċetra.

Jgħid li hu jaf li huwa ntitolat jieħu xi ħaġa talli ħa ħsieb ta' Joseph. Jgħid li kienu wliedu li qalulu jagħmlu skrittura dwar dan.

Mistqosi għal darb'oħra minn fejn ġabu l-valur ta' €45,000 jgħid li ma jafx. Iżid li ma jafx minn ħadem il-valur.

Jaqbel li Joseph Sultana għandu żewġt itfal. Jgħid li ma' bintu Micheline Joseph għamel żmien mingħajr kuntatt u kien jipprova jagħmel kuntatt magħha. Iżid li kien permezz ta' bintu – bint ix-xhud – Frida li Joseph irnexxielu jagħmel kuntatt ma' Micheline. Jgħid li wara dan bint Joseph kienet tkellmu.

---

[23] Traskrizzjoni a fol 132 sa 139.

Jaqbel li bint Joseph kienet Għawdex diversi drabi. Iżid li l-aħħar li ġiet Joseph kien marid gravi u hi kienet marret tarah għandu, fejn kien jgħix.

Jgħid li lilu Joseph kien jgħidlu li kien iddispjaċut li wliedu ma jkellmuhx u ma kienx jaf għalfejn iddeċidew hekk.

Jgħid li iben Joseph baqa' sal-aħħar ma jkellmux.

**Angelo Muscat**, sid stabbilment tal-ikel u x-xorb fin-Nadur, Għawdex, xehed[24] li lill Joseph Sultana jafu fl-istabbiliment tiegħu fin-Nadur, Għawdex.

Jgħid li meta kien għadu sewwa, Joseph kien ikun fl-istabbiliment tiegħu kważi kuljum.

Jgħid li hu qatt ma sema' lil Joseph jitkellem dwar il-familja tiegħu.

Mistoqsi jekk Joseph qattx mar fl-istabbiliment tiegħu mal-familja tiegħu jgħid li le. Iżid li dejjem waħdu mar imbagħad kien jiltaqa' mal-ħbieb hemm.

Jgħid li l-istabbiliment tiegħu żgħir, anqas għandu mwejjed u siġġijiet, b'dan li l-patruni dejjem ġejjin u sejrin mhux jagħmlu xi strappata hemm. Iżid li hu jkun iservi u dieħel u ħiereġ fil-kċina b'dan li konversazzjonijiet bejn il-patruni ma jismax.

Jgħid li jaf li Joseph kien joqod mar-ragel ta' oħtu, Albert Muscat. Iżid li qabel Joseph inġabar ma' Albert kien joqgħod waħdu.

Jgħid li lil Joseph kien mar jarah l-Isptar ta' Għawdex, darba iżda anqas ħawn ma semmielu xejn dwar familtu jew dwar minn idur bih.

**Silvano Saliba**, żewg il-konvenuta Frida Saliba, xehed permezz ta' affidavit.[25]

---

[24] Traskrizzjoni a fol 58 sa 64.
[25] Affidavit a fol 69 sa 71.

Jiddikjara li lill Joseph Sultana kien jafu għaliex jiġi z-ziju ta' martu, il-konvenuta. Iżid li kien ilu jafu sa mill-2007 meta ltaqa' mal-konvenuta.

Jgħid li hu lil Joseph dejjem jafu jgħix Għawdex iżda jaf li qabel kien jgħix l-Amerika mal-familja tiegħu.

Jgħid li Joseph beda jgħix il-Qala iżda imbagħad mar jgħix in-Nadur f'dar fl-istess triq ta' dik tal-ġenituri ta' martu l-konvenuta. Iżid li sa mill bidu li mar in-Nadur omm martu – li tiġi oħt Joseph – kienet issajjar għalih ukoll u hu kien jiekol magħhom.

Jgħid li kienu dejjem il-ġenituri ta' martu li ħadu ħsieb il-bżonnijiet ta' Joseph, inkluż dawk mediċi.

Jiddikjara li jaf li ulied Joseph ma kinux ikellmuh u Joseph kien iddispjaċut b'dan. Iżid li Joseph kien jistaqsi x'setà għamel sabiex ma jkellmuhx. Jgħid li jekk kien jittenta jċemplilhom kienu jaqtgħulu. Iżid li lilu kien jgħidlu li t-tfal ma jissejħux ulied għax jarawk meta tkun f'qiegħ sodda u li hu jixtieq jara u jgawdi lil uliedu.

Jgħid li meta hu u martu, il-konvenuta, kien għadhom għarajjes, ulied Joseph kienu aċċettaw stedina sabiex imorru għand omm martu bil-kundizzjoni li missierhom ma jkunx hemm.

Jgħid li fil-festa tan-Nadur fl-2016 martu u kuġinitha, l-attriċi Micheline, tkellmu dwar Joseph u kuġinitha marret tarah għand il-ġenituri ta' martu. Iżid li minn hemm il-quddiem Joseph u bintu l-attriċi baqgħu f'kuntatt. Jgħid li Joseph kien jitlob lil bintu tikkonvinċi lil huha jkellmu iżda huha qatt ma kellmu.

Jiddikjara li wara li mietet omm martu, missier martu, Albert Muscat, baqa' jdur biz-ziju ta' martu Joseph. Jgħid li l-bżonnijiet ta' Joseph dejjem baqgħu jiżdiedu partikolarment wara li fl-2018 ġie dijanjostikat b'marda terminali.

Jgħid li anke wara li Joseph marad terminalment, ibnu, l-attur Robert, baqa ma jkellmux u qatt ma mar jarah. Iżid li bint Joseph, l-attriċi Micheline marret tarah xi darbtejn jew tlieta waqt li kienet fuq btala mill-Amerika ta' xi ħmistax-il jum.

Jgħid li anke meta bint Joseph, l-attriċi, marret tarah waqt li kien marid, qatt ma għenet f'xejn jew ħaditlu xejn magħha. Iżid li da parti tiegħu Joseph kien talab lill-martu – mart ix-xhud, il-konvenuta Frida – tmur tixtri katina u par imsielet għal bintu.

Jgħid li hu lill Joseph kien imur jarah meta kien ikun rikoverat l-isptar kemm Għawdex kif ukoll Malta. Jgħid li darba dam l-isptar u talbu sabiex jieħu lill-uliedu – ulied ix-xhud - l-isptar sabiex jarahom. Jgħid li hu u martu ħadu lill-uliedhom l-isptar.

Jgħid li minkejja li l-qagħda ta' Joseph baqgħet tiġġrava, l-attriċi qatt ma reġgħet marret tarah.

Jgħid li huwa ddispjaċieh meta ra li l-attriċi anqas biss bagħtet bukkett fjuri għall-funeral ta' missierha jekk ma setgħetx tattendi.

**In kontroeżami**, xehed[26] li wlied Joseph Sultana, l-atturi, jgħixu l-Amerika. Mistoqsi jekk qattx ġew Malta jgħid li iva iżda l-attriċi, Michelin, biss marret tara lil missierha.

Mistoqsi kemm-il darba kienet Malta bint Joseph jgħid li sa fejn jaf hu xi darbtejn jew tlieta.

Jgħid li f'dawk id-drabi li bint Joseph kienet Malta darba biss marret tara lil missierha.

Jispjega li kienu l-festa tan-Nadur, Micheline rat lil martu Frida u marret staqsieta dwar missierha Joseph. Jgħid li hawn martu u Micheline ftiehmu u saret il-laqgħa. Iżid li Joseph kien ħadħa Marsalforn tiekol mbagħad marru flimkien għandhom.

Jgħid li mbagħad Micheline ġiet darba oħra f'Diċembru meta martu Frida infurmata li missierha Joseph kien ħazin ħafna.

Jgħid li wara l-vista ta' Dicembru qatt ma reġgħet ġiet.

Jgħid li mindu Micheline għamlet kuntatt ma' missierha Joseph l-ewwel darba fl-2016 sa' ma' miet, jekk ma kienx icemplilha hu ma kinitx

[26] Traskrizzjoni a fol 140 sa 143.

iċċempillu hi. Iżid li dan jafu għax Joseph kien jgħidulu personalment. Iżid li Joseph kien irrabjat ħafna dwar dan u ġieli anke qallu li ma' jcempliliex aktar iżda xorta kein icempel.

Jaqbel li Joseph qatt ma' irrifjuta li jiltaqgħa ma' uliedu. Jgħid li anzi kien jagħmel sforzi kbar sabiex ikellimhom. Iżid li Joseph kien icemplilhom u kienu jaqtawlu u jibagħtilhom rigali li jigu ritornati.

Jgħid li dwar ic-cirkostanzi bejn Joseph u martu jaf li l-atturi man-nanniet kienu jgħixu għax minkejja li ommhom qalet li ma' riditx titrasloka Għawdex, wara xi żmien li niżel Għawdex Joseph niżlet hi wkoll u t-tfal ħallithom man-nanniet. Jgħid li Joseph kien jgħidlu li hi taparsi ma' riditx tinzel ħawn minħabba l-iskola tat-tfal iżda wara ftit xorta niżlet u t-tfal ħallithom warajħa man-nanniet.

Jgħid li dan kien dak li dejjem kien jgħidlu Joseph.

**In rieżami**, xehed[27] li iben Joseph, Robert, kien Għawdex zgur darba meta Maria Pia Muscat, oħt missieru Joseph, stednithom għandha u huma qalulħa li dment li jkun hemm Joseph ma' jmorrux.

Iżid li mhux cert jekk Robert reġa'x kien Għawdex iżda Joseph kien ġieli jgħid li ra lill-uliedu l-pjazza tan-Nadur u ma' kellmuhx.

Jgħid li bint Joseph, Micheline, kienet Għawdex darbtejn, darba fl-2016 meta ltaqgħet ma' missiera wara li tkellmet ma' kuġinitħa – mart ix-xhud Frida – u din irringat inkontru u darba oħra f'Dicembru meta kien diga marid terminalment.

Jgħid li għal-vista ta' Dicembru kienet martu Frida li bgħatet tinforma lill Micheline li misiserħa Joseph kien ħazin ħafna. Jgħid li f'Dicembru Micheline qattet 15-il jum Għawdex iżda kull ma' rat lill missierha kien xi darbtejn jew tlieta. Iżid li kienet tagħmel forsi tlett kwarti fejn missierha.

Jgħid li wara Diċembru Micheline ma reġgħet ġiet qatt. Jgħid li dak iż-żmien jekk ma kienx iċemplilha Joseph ma kinitx iċċempillu hi.

[27] Trakrizzjoni a fol 143 sa 146.

**Jason Michael Portelli** xehed permezz ta' affidavit.[28]

Jiddikjara li huwa mekkanik li jsewwi l-muturi. Jgħid li lil Joseph Sultana sar jafu wara inċident li kellu bil-mutur. Iżid li kien ħadlu l-mutur sabiex jirrangah. Jgħid li minn dakinhar baqgħu hbieb u kienu jiltaqgħu fil-garaxx tiegħu jew ix-xatt.

Jiddikjara li Joseph ġieli fetaħ qalbu miegħu u kien jgħidlu li kien iddispjaċut ħafna li wliedu ma jkellmuhx. Iżid li kien jgħidlu li wliedu kienu mimlijin kontrih iżda qatt ma qallu minn min.

Jgħid li Joseph kien dejjem jgħidlu li lil oħtu Maria Pia sab. Jgħid li fil-fatt kull meta weġġa' kien imur joqgħod għand Maria Pia u żewġha b'dan li meta ma kienx ikun jgħix magħha xorta hi kienet issajjarlu u ddur bih.

Jgħid li wara li mietet oħt Joseph, żewġha baqa' jdur b'Joseph bl-istess mod li kienet tagħmel oħtu. Iżid li meta mbagħad marad terminalment, Joseph mar jgħix għalkollox mar-raġel ta' oħtu. Iżid li kienu r-ragel ta' oħtu u wlied l-istess oħtu li kienu jduru b'Joseph, inkluż billi jeħduh għall-appuntamenti fl-isptarijiet kemm Għawdex u kemm Malta.

Jgħid li Joseph kien jgħidlu li lilu kien jonqoshom, b'referenza għar-raġel ta' oħtu u għan-nepputijiet li kienu tilfu lil ommhom.

**Dun Loretu Tabone**, xehed permezz ta' affidavit.[29]

Jiddikjara li lill Joseph Sultana kien ilu jafu sa minn dejjem u kien jikkunsidrah bħala ħabib, apparti li kien membru tal-Parroċċa tan-Nadur.

Jgħid li lejn l-aħħar ta' ħajtu lill Joseph kien iżuru regolarment sabiex iqarbnu. Iżid li għal dan l-għan kien imur id-dar ta' oħt Joseph, Maria Pia, fejn Joseph kien jgħix ma' żewġha, Bertu Muscat stante li oħtu kienet diġà mietet.

[28] Affidavit a fol 72.
[29] Affidavit a fol 73.

Jgħid li kienu Bertu u wlied Bertu li kienu jduru b'Joseph meta marad, inkluż billi jeħduh għall-appuntamenti li kien ikollu l-isptar.

Jgħid li dwar ulied Joseph ma jaf xejn għaliex qatt ma tkellmu dwarhom.

**Dr. Michael Refalo**, in rappreżentanza tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, xehed[30] li dwar Joseph Sultana, id-decujus in mertu, in-noti tal-isptar juru li f'diversi stadji mill-2018 il quddiem meta Joseph ġie rikoverat l-isptar bħala *next of kin* kellu mniżżel lil Paul Muscat, neputi, jew Albert Muscat, *brother-in-law*.

Jgħid li l-mard serju ta' Joseph Sultana beda f'Ottubru tal-2018 u wassal għal mewt tiegħu fl-1 ta' Mejju, 2020.

Jobbliga ruħu li jagħmel nota li fiha jindika kemm-il darba kellu jinżamm l-isptar l-istess Joseph Sultana, f'liema dati, u x'interventi kienu qed isirulu, u minn kien jakkumpanjah.

**Jippreżenta tali nota fit-23 ta' Novembru, 2021**.[31] Fl-istess nota jindika rikoverament ta' Jospeh Sultana fl-2005, l-2009, l-2015, u l-2017 fejn ma' ġie indikat ebda *next if kin*. Jelenka mbagħad varji rikoveramenti fl-2018, -l-2019, u l-2020 fejn jidhru bħala *next of kin*, Albert Muscat, *brother in law*, u Paul Muscat, neputi.

**Dr. George Guda Taddeo sive Teddie Farrugia**, tabib mediku kuranti ta' Joseph Sultana, xehed permezz ta' affidavit.[32]

Jiddikjara li meta ġie lura Għawdex mill-Amerika, Joseph beda jmur għandu għal konsulti regolari.

Jagħti rendikont tal-istorja medika tal-istess Joseph Sultana.

Jgħid li meta Joseph marad serjament, kien baqa' jmur għandu sakemm seta. Iżid li meta ma baqax imur għandu kien imur hu jarah id-dar tar-ragel ta' oħtu, Albert Muscat.

[30] Traskrizzjoni a fol 75 sa 77 – inkluz in retro pagina.
[31] Nota a fol 78 – inkluz in retro pagina.
[32] Affidavit a fol 80 u 81.

Jgħid li minn ħawn saħħet Joseph baqgħet sejru lura sakemm miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex nhar l-1 ta' Mejju, 2020.

Jgħid li kien Albert Muscat li kienu jieħu ħsieb lil Joseph u kien l-uniku kuranti tiegħu. Jgħid li kull meta invista lil Joseph, Albert kien ikun hemm sabiex jgħin iżda anke sabiex ikun jaf x'hemm bżonn isir sabiex ikun jista' jieħu ħsieb ta' Joseph kif imiss.

Jgħid li Albert kien jieħu ħsieb ta' kollox għal Joseph; ħasil ta' ħwejjeg, ikel, u anke mediċini. Iżid li Albert kien anke jitkellem miegħu dwar xl-aħjar jitma lil Joseph.

Jgħid li Albert kien ukoll jieħu ħsieb iwassal lil Joseph għall-appuntamenti mediċi tiegħu.

**Josephine Grech**, omm l-atturi, xeħdet permezz ta' affidavit.[33]

Tiddikjara li hi u Joseph Sultana kienu miżżewġin u għexu flimkien l-Amerika. Tgħid li tul dan iż-żmien Joseph kien jaħdem bħala supretendent ta' binja responsabbli mill-manutenzjoni u l-indafa.

Tgħid li wara li jispiċċa xogħol fis-6 ta' filgħaxija Joseph ma kienx imur id-dar jiekol magħhom u jqatta' l-ħin ma wliedu iżda kien joħroġ jixrob ma' sħabu.

Tgħid li jekk fi tmiem il-ġimgħa kienet tieħu 'l wliedha fejn in-nanniet tagħhom Joseph ma kienx imur magħhom.

Tgħid li hi kienet dejjem wahedħa tieħu ħsieb uliedha.

Tgħid li meta Joseph kien jinżel Għawdex għal btala lilhom ma kienx jeħodhom miegħu.

Tgħid li darbtejn meta kien Għawdex, Joseph kellu ncident stradali, darba b'karozza u oħra b'mutur. Iżżid li meta kien rikoverat l-isptar Għawdex hija kienet iċċempel sabiex uliedu jkunu jistgħu jkellmuh.

[33] Affidavit a fol 92 sa 94.

Tgħid li Joseph iddeċieda li jiġi lura Għawdex għalkollox fl-2002. Tgħid li kien jaf li hi u wliedha ma ridux jinżlu Għawdex għax it-tfal kienu stabbilita l-Amerika inkluż fl-iskola fejn kienu fis-sekondarja.

Tgħid li fl-2002 Joseph ħa kollox miegħu lejn Għawdex u kien saħansitra qal lill sid il-binja fejn kienu jgħixu li kienu ser jitilqu b'dan li meta telaq hu, hi ġiet zgumbrata mill-appartament. Iżżid li sid il-binja tellgħata l-Qorti meta qaltilha li hi ma kinitx ser titlaq lejn Għawdex bħal żewġha. Tesibixxi kopja ta' sentenza tal-Qorti Amerikana.[34]

Tgħid li għalhekk spiċċat bla saqaf fuq rasha u ras uliedha u kellhom imorru jgħixu mal-ġenitrui tagħha f'appartament zgħir fejn kien baqa wkoll tnejn minn ħutha. Iżżid li l-ġenitrui tagħha kienu rranġawlhom spazju fis-salott fejn ulieda kienu jorqdu fuq sufan sodda u hi fuq saqqu fl-art.

Tgħid li għalhekk kienu skomdi huma u ta' skomdu għal ġenituri tagħha wkoll.

Tiddikjara li ulieda kienu mbikkmin u mdejqin b'dan tant li anke l-iskola bdew jaqgħu lura. Iżżid li hi kellha ħafna għajnuna mill-ġenitrui tagħha iżda ġieli ħadmet żewġ impjiegi jew tlieta sabiex tlaħħaq sakemm ftit, ftit ġew lura fuq saqajhom.

Tgħid li Joseph kien mar lura l-Amerika iżda ma setà qatt joqgħod magħhom għand il-ġenitrui tagħha fis-sitwazzjoni li diġà kienu fiha.

Tgħid li mhux minnu li binha Robert bidel konjomu jew qatt għamel hekk. Iżżid li anqas u minnu li Joseph xi darba bagħat xi kartolini jew rigali. Tgħid illi li kieku tassew għamel hekk kien ikun ġest sabiħ u ta' għajnuna.

Tgħid li Joseph qatt ma ħallas manteniment minkejja li kien anke ordnat jagħmel hekk mill-Qorti Amerikana. Tesibixxi kopja tad-deċiżjoni ta' divorzju ottjenuta minnħa fl-Amerika.[35]

[34] Dokumenti relattvii għal-proceduri ta' zgumbrament fil-Qorti Civil ta' New York a fol 95 sa 102.
[35] Kopja tad-decizjoni wara proceduri li nbdew fis-27 ta' Jannar tal-2003 a fol 103 sa 106.

Tgħid li meta bintha kienet Għawdex għal btala hija dejjem fettxet lill missierha. Tgħid li sabiex tara lill missierha binta kienet tmur fid-dar ta' Albert Muscat fejn kienet thossħa skomda. Iżżid li Joseph qatt ma ħadha d-dar tiegħu.

Tgħid li Joseph qatt ma' talab lill binthom tmur tieħu ħsiebu.

Tiddikjara li safejn taf hi Joseph dejjem kien mobbli u kien anke jsuq tant li kien anke jieħu lil binthom għand Frida Saliba.

Tgħid li Joseph qatt ma' verament interessah minnhom, partikolarment mit-tfal. Iżżid li din it-tfal kienu jhossuha. Tgħid li t-tfal kienu mdejqin li missierhom ma kienx ifittixhom u ma kienx preżenti f'ħajjithom nilli qatta ħajtu fil-bars, jixrob.

Tezebixxi kopji ta' żewġ emails mibgħuta minnha lil oħt Joseph, Maria Pia Muscat u oħra ta' Maria Pia lilha.[36] Tgħid li dawn juru li Maria Pia kienet taf li hi u wliedha ma kinux ser jiġu Għawdex u kienet taf ukoll bil-komportament ta' ħuha, Joseph.

Tgħid li l-fatt li ż-żwieġ tagħha ma' Joseph spiċċa mhuwiex ġustifikażżjoni sabiex Joseph abbanduna lil uliedu.

Tgħid li batew ħafna iżda għamlet minn kollox sabiex ħadet ħsieb ta' wliedha u edukatahom waħedha u mingħajr xrara għajnuna mingħand Joseph.

Tgħid li Joseph qatt ma talabhom jieħdu ħsiebu. Iżżid li mill-banda l-oħra huma qatt ma sabuh għal xejn għax ħarab mir-responsabilitajiet tiegħu u abbandunahom.

**In kontroeżami**, xeħdet[37] li l-eks ragel tagħha, Joseph Sultana, kien jaħdem mid-9 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Tgħid li hi kienet taħdem ukoll u tieħu ħsieb id-dar u lit-tfal.

[36] Kopja ta' email datata l-14 ta' Settembru, 2002 a fol 107, email datata il-11 ta' Settembru, 2002 a fol 108, u email datata it-12 ta' Settembru, 2002 a fol 109.
[37] Traskrizzjoni a fol 164 sa 178.

Taqbel li Joseph la kien jaf jaqra u anqas jikteb. Taqbel ukoll li l-finanzi kienet tieħu ħsiebhom hi. Tgħid li minkejja dan Joseph kien mar il-bank u zbanka l-kontijiet kollha tagħhom.

Tgħid li Joseph kemm-il darba niżel Malta għal-btala wahdu u qatt ma' ħa lill-uliedu miegħu. Iżżid li darba biss niżlu Malta bħala familja u dan kien meta Micheline kienet ser tagħlaq sena. Tgħid li l-btajjel dejjem kienu ta' xi ġimagħtejn jew tlieta.

Tgħid li fl-2002 Joseph niżel Malta għalkollox.

Ma taqbilx li fl-2002 kienet meta nqalgħet il-kwistjoni dwar jekk it-tewmien subien kinux ta' Joseph.

Tgħid li fl-2002 hi ma niżlitx Malta. Iżżid li kien wara l-2002 li ommha, mhux hi, niżlet Malta bit-tfal u Joseph rid jarahom. Iżżid li ommha tagħtu lit-tfal u hu ħadhom għal *DNA test* mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha.

Tgħid li għalhekk Joseph niżel Malta mill-Amerika qabel il-kwistjoni tal-paternita' tat-tewmien subien.

Taqbel għalhekk li meta Joseph niżel Malta kien għadu mingħalih li l-erba' ti tfal kienu lkoll tiegħu.

Tgħid li mhux minnu li l-pjan kien li l-ewwel jinzel Malta Joseph u mbagħad isegwuh huma. Iżżid li jekk fl-emails li esibit Maria Pia Muscat tgħid li Joseph kien qed jgħid hekk – dak huwa x'kien qed jgħid Joseph. Iżżid li fil-fatt lill Maria Pia hi kitbitlħa li huma ma kinux niżlin Malta u li Joseph kien jaf li mhumiex niżlin.

Taqbel li wara l-2002 Joseph kien telgħa lura l-Amerika sabiex jikkonvinċihom jinżlu Malta. Tgħid li minkejja dan huma baqgħu hemm. Tgħid li hi baqgħet l-Amerika sabiex ma tgerfix il-programm ta' skola tat-tfal.

Mistoqsija kif imbagħad niżlet Malta bit-tewmien subien u kif din id-darba ma kellhiex problema li tgerfixhom mill-iskola tgħid li ma kellhiex problema għax dakinhar it-tfal il-kbar, Micheline u Robert kienu spiċċaw l-iskola u kienu stabbiliti l-kulleġġ.

Tgħid li hi u t-tewmien niżlu Malta fl-2012. Suġġerit lilha li dakinhar it-tewmien kellhom 12-il sena tgħid li iva. Tgħid li l-*issue* li kellha hi kienet fuq il-kbar mhux fuq iż-żgħar. Iżżid li t-tewmien kienu skola primarja li facli ċċaqlaqhom minnħa mhux bħal kulleġġ.

Suġġerit lilha li fl-2002 uliedha l-kbar kellhom bejn wieħed u ieħor l-istess età li kellhom it-tewmien meta traslokat lit-tewmien tgħid li iva.

Tgħid li għal-btajjel ta' Micheline lejn Malta dejjem ħallset hi u Micheline kienet toqgħod għandha. Taqbel li xħin Micheline kienet tmur tara lil missiera hi ma kinitx tkun magħha.

Tgħid li jekk Micheline ma marritx tant drabi tara lil missierha meta kienet Malta dan kien għaliex missierha ma kienx f'daru iżda f'dar Maria Pia u Albert Muscat. Iżżid li Micheline dejjem riedet tikkordina ma kuġinitha Frida sabiex tmur tara lil missierha.

Tgħid li minkejja li Joseph kien marid kien baqa' jimxi u jsuq għax kien hu li jwassal lil Micheline lura d-dar għandha meta kienet tmur tarah.

Mistoqsija kemm baqa' jsuq Joseph tgħid li l-aħħar li ġiet tarah bintu kien għadu jsuq għax wassalha d-dar hu.

Taqbel li binha Robert mindu missieru telaq mill-Amerika ma ridtx jaf bih aktar.

Ticħad li Joseph kien icempel u hi ma kinitx tgħaddi t-telefon lit-tfal. Tinsisti li kartolini qatt ma bagħat.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami**, xeħdet[38] li Joseph ma kienx jaf juza *ATM machine*. Iżżid li ma'tafx x'kien jagħmel Malta pero' sakemm kien magħha kien jidhol il-bank u jkellem *teller* għal li jkollu bżonn. Tgħid li *ATM Ċard* xorta dejjem kellu.

Mistoqsija jekk, wara li niżel Malta għalkollox, Joseph kienx reġa' mar lura l-Amerika sabiex jirranga magħha tgħid li magħha ma kellux kuntatt meta kien mar lura. Tgħid li kien jara biss lit-tfal. Iżżid li hi ma setgħetx tieħdu lura għax kienet toqod mal-ġenitrui tagħha go kamra waħda.

[38] Traskrizzjoni tat-testimonjanza moghtija fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2023 – mhux paginata.

Iżżid li fil-fatt meta kien l-Amerika hu kien jieħu lit-tfal għal-tmiem il-gimgħa.

Iżżid li darba kien is-Sibt u t-tfal kienu jistennewh u ma tfaċċax. Tgħid li kien reġa' mar lejn Malta mingħajr ma qalilhom.

Mistoqsija kif taf li Joseph kien baqa' jimxi lejn l-aħħar ta' ħajtu tgħid li għax l-aħħar li ġiet Micheline kien laqagħha hu fil-bieb jinnagħqa u dan tafu għax bintha bagħtitilha ritratt.

Mistoqsija jekk kienx biss jagħmel erba' passi fis-sens li ma kienx mixħut f'sodda, iżda kellu bżonn l-għajnuna, tgħid li għajnuna kellu kulma ried.

**Micheline Sultana**, attriċi, xeħdet permezz ta' affidavit.[39]

Tiddikjara li hija bint Josephine Grech u Joseph Sultana.

Tgħid li fl-2002 kellhom jiċċaqalqu minn fejn kienu jgħixu fl-*Upper East Side, Manhattan*, għall-appartament tan-nanniet tagħha fil-*West Village*. Tgħid li kienu mġiegħla jittraslokaw għax missierha telaqhom u niżel Malta. Iżżid li dak iż-żmien kellha 15-il sena u ma setgħetx tifhem ezattament x'kien qed jigri.

Tiddikjara li b'rizultat ta' dan ġie afettwat kull aspett tal-ħajja tagħhom. Tgħid li kellhom jaqilbu minn skola privata għal waħda pubblika peress li ommha tħalliet b'xejn.

Tgħid li ommha kellha lilha u tlett subien u għall-11 il sena kellhom ilkoll jgħixu u jorqdu f'kamra waħda.

Tgħid li tul iż-żmien tilfet il-kuntatt ma missierha li ma kienx iċempel jew jiktbilha.

Tgħid li mbagħad f'daqqa waħda missierha ddeċieda li jmur jarahom l-Amerika. Iżżid li ħawn kienet qatgħet xi hin miegħu fi tmiem il-gimgħa u wara l-iskola. Iżżid li dan seħħ biss għal ftit ġimgħat meta mbagħad ommha qaltilha li kien reġa' telaq lejn Malta u reġa' nqata' l-kuntatt.

[39] Affidavit rilaxxat bl-Ingliz a fol 112 sa 114. Traduzzjoni sintesizzata ta' din il-Qorti.

Tiddikjara li huma qatt ma rcevew xejn mingħand missierhom b'ommha kellha tagħmel ħafna xogħlijiet sabiex tmantnihom.

Tgħid li hija rċeviet biss kartolina waħda mingħand missierha.

Tiddikjara li meta bdew jikbru ommha ddeċidiet li kien il-waqt li jinżlu Malta għax l-Amerika ma setgħetx tlaħħaq. Iżżid li ommha u ż-żewġ ħutha ż-żgħar niżlu Malta fl-2012 mentri hi u ħuha Robert baqgħu l-Amerika; hi f'appartament tagħha u ħuha l-kulleġġ.

Tiddikjara li fl-2016 hi u ħuha Robert niżlu Malta għal btala u hi ddecidiet tkellem lill kuġinitha minn naħa ta' missierha; Frida Saliba. Iżżid li kkomunikat magħha tramite l-medja socjali. Tgħid li ħawn iltaqgħet ma missierha xi drabi billi kienet tmur id-dar ta' zitha Maria Pia, oħrajn id-dar ta' kuġinitha Frida u xi drabi barra f'xi ristoranti.

Tgħid li wara l-btala tal-2016 hija baqgħet f'kuntatt ma' missierha u anke mal-kuġini tagħha Paul Muscat u Frida Saliba. Iżżid li hi u missierha kellhom in-numri tat-telefon ta' xulxin u kienu jċemplu lil xulxin.

Tgħid li meta missierha marad terminalment hi ġiet infurmata b'dan minn Frida. Iżżid li fl-2019, meta kien gravi, hija niżlet Għawdex sabiex tarah.

Tgħid li tul din il-btala hi kienet toqod għand ommha iżda kienet izzur lill missierha kemm tista'. Tgħid li dak iz-żmien missierha kien jgħix għand zijuħa, Albert Muscat.

Tiddikjara li missierha qatt ma qalilha toqgħod miegħu sabiex tieħu ħsiebu għax kellu l-għajnuna ta' zijuha Albert u l-kuġini tagħha, uliedu Paul u Frida. Iżżid li hi kienet hemm biss sabiex tqatta ftit ħin miegħu sakemm setgħet.

Tgħid li meta marret lura l-Amerika wara dik il-btala, hi u Frida kienu jitkellmu ta' sikwiet, kemm dwar missierha u anke sabiex jibqaw in kuntatt.

Tgħid li fl-2020 missierha kien ħazin ħafna iżda hi ma setgħetx tinżel Malta minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Iżżid li missierha miet f'Mejju

tal-istess sena. Tgħid li setgħet biss tara l-funeral permezz tal-*live-streaming*.

Tiddikjara li ma jiddpjaċihiex li reġġħet kellmet lil missierha u li kienet hi li għamlet l-isforz għal dan.

Iżżid li mhux minnu li hi kienet Malta xi darba qabel l-2016 u ma kelmitx lil missierha. Tgħid li hi ġiet Malta l-ewwel darba fl-2016 u kienet hi li ħadet l-inizjattiva sabiex tara lil missierha.

**In kontroeżami**, xeħdet[40] li missierha telaq mill-Amerika għal-Malta fl-2002 meta hi kellha 15-il sena.

Mistoqsija tafx li dak iż-żmien il-pjan kien li ommha u ħutha jinżlu Malta warajh tgħid li le.

Taqbel li wara li telaq mill-Amerika għal Malta missiera kien reġa' mar l-Amerika. Mistoqsija jekk dakinhar ommha aċċettatux lura d-dar tgħid li ma kinux id-dar iżda man-nanniet tagħha. Mistqosija kienx aċċettat lura jew marx lura Malta tgħid li hi kienet ratu imbagħad kien mar lura Malta.

Mistoqsija kienitx taf biċ-ċirkostanzi li wasslu lil missiera jitlaq mill-Amerika tgħid li le. Rigward ħutha t-tewmien u li rriżulta li kienu *ħalf siblings* tgħid li saret taf wara.

Mistoqsija tafx x'kienet il-qagħda finanzjarja ta' missiera meta telaq tgħid li le. Iżżid li dak li taf hu li meta telaq mill-Amerika ħa miegħu kulma kien hemm il-bank inkluż is-sehem ta' ommha. Tgħid li bħala total ma' tafx x'kien hemm għax hi kien għadha tfal.

Taqbel li hi ġiet Malta sabiex tara lill-missiera meta kien marid. Tgħid li kienet Malta għal xi gimagħtejn jew tlieta. Mistoqsija jekk hux vera li f'dak iż-żmien rat lil missierha biss xi tliet darbiet tgħid li ratu kull meta ma kellux appuntamenti; xi seba' darbiet.

Taqbel li tul dak iż-żmien setgħet tara li lil missierha kien jieħu ħsiebu Albert Muscat u li missierha kien jgħix mal-istess Albert.

[40] Traskrizzjoni bil-lingwa Ngliza a fol 150 sa 156. Traduzzjoni sintesizzata ta' din il-Qorti.

Mistoqsija huwiex minnu li kienet Malta drabi oħra qabel missierha kien marid u li ma marritx tarah tgħid li kienet Malta biss darba oħra qabel fejn marret tarah. Iżżid li dak kien meta reġġħet bdiet relazzjoni miegħu.

Tgħid li kemm kien ilu li missiera telaq mill-Amerika hija kienet Malta darbtejn, meta kelmet lill kuġinitha Frida, rat lil missierha, u reġġħet bdiet relazzjoni miegħu u darba oħra meta missierha kien marid.

Taqbel li Frida kienet iżżommha infurmata mill-qagħda ta' missierha meta marad. Tikkonferma li fil-konversazzjonijiet tagħha ma' Frida, Frida kienet tgħidilha li missierha xtaq ikellem lil ħuha, ibnu Robert, u talab għan-numru tiegħu. Iżżid li Robert maridtx jagħti n-numru tiegħu lil missierhom.

Taqbel li dawn il-kommunikażżjonijiet ma' Frida saru tramite l-medja soċjali.

Taqbel li missiera kien isaqsi għal ħuha meta jitkellmu bit-telefon iżda ħuha ma ridtx jaf bih.

Tgħid li ma tafx li meta kienet żgħira missierha kien iċempel għand in-nanniet tagħha sabiex ikellem lilha u lil ħuha.

Tgħid li hi u missiera kienu f'kuntatt kontiwnu flimkien u dan bit-telefon.

**Robert Sultana**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[41]

Jiddikjara li ftit għandu memorji ta' missieru Joseph Sultana. Iżid li missieru qatt ma' kien responsabbli bħala genitur b'dan li kien dejjem xogħol jew jixrob. Iżid li anke d-dar jiftakru biss jixrob.

Jgħid li kienet ommu li kienet tieħu ħsieb tiegħu u ta' ġutu kif ukoll ta' darhom.

[41] Affidavit rilaxxat bl-Ingliz a fol 116 u 117. Traduzzjoni sintesizzata ta' din il-Qorti.

Jgħid li fl-2001 il-ġenituri tiegħu skoprew li sid il-binja fejn kienu jgħixu kienet ser tiżgumbrahom mill-appartament tagħhom. Iżid li dan kien wassal għal glied kbir u kostanti bejn il-ġenituri tiegħu dwar fejn kellhom jgħixu.

Jgħid li missieru ridhom jittraslokaw Malta mentri ommu riedet li jibqgħu l-Amerika minħabba l-iskola.

Jgħid li sena wara dan, fl-2002, missieru ppakkja ħwejjighom kollha inkluż ħwejjeġ, kotba, u ġugarelli, f'*container* li bagħat Malta qabel telaqhom.

Jgħid li fl-2002 hu, ommu, u hutu kellhom jitilqu mill-appartament tagħhom u jmorru jgħixu man-nanniet materni tagħhom. Iżid li fl-appartament tan-nanniet kien hemm ukoll ziju tagħhom b'dan li tmienja min-nies kienu jaqsmu appartament wieħed.

Jgħid li hu, ommu, u t-tliet ħutu kienu jorqdu f'kamra waħda.

Jgħid li hu baqa' f'din is-sitwazzjoni sal-2011 meta mar jgħix il-kulleġġ.

Jiddikjara li tul iż-żmien missieru bgħatlu biss kartolina waħda. Iżid li wara dan qatt ma' prova jkellmu. Jgħid li missieru anqas kien iħallas il-manteniment dovut wara s-separazzjoni minn ma' ommu.

Jgħid li ommu kienet tistaqsih ridtx jara lill missieru u hu kien jgħidilha li ma ridtx. Iżid li ommu qatt ma' pruvat twaqqfu milli jara lill missieru. Iżid li għazel hu li ma' jarax lil missieru għaliex missieru qatt ma kien hemm għalih. Iżid li missieru abbanduna lilhom minħabba kwistjoni li kellu ma' ommhom.

Jiddikjara li ħadd mill-familjari min-naħa ta' missieru qatt ma prova jagħmel kuntatt miegħu.

Jgħid li jaf li xi ħadd qal li huwa bidel konjomu minn Sultana għal Grech. Iżid li din hija gidba u li qatt tul ħajtu m'għamel hekk. Jgħid li qed jezebixxi kopja ta' dokumenti ufficjali li jur li kunjomu għadu Sultana.[42]

[42] Ebda tali dokument ma' instab in atti.

Jgħid li hu jippretendi s-sehem riservat li huwa ntitolat għalih skont il-liġi. Iżid li m'hemm ebda raguni legali għalfejn jiġi mċaħħad minn dan.

**In kontroeżami**, xehed[43] li meta missieru telaq mill-Amerika huwa kellu xi 9 jew 10 snin.

Mistoqsi kienx jaf x'qed jigri dak iz-żmien jgħid li jaf li kien jara ħafna argumenti bejn il-ġenitrui tiegħu. Iżid li missieru kien rid jinzel Malta mentri ommu ma riditx. Iżid li jiftakar ħafna argumenti dwar dan.

Mistoqsi kienx ukoll ikun hemm argumenti dwar hutu t-tewmien jgħid li jiftakar biss argumenti dwar it-traslokar lejn Malta. Iżid li jiftakar li sid il-binja fejn kellhom l-appartament fejn kienu jgħixu riditħom johorgu għax ma' setgħux joqodu fl-appartament tal-qies li kien bit-tewmin ukoll. Iżid li l-appartament kien zgħir wisq. Jgħid li hemm bdew l-argumenti dwar it-traslokar.

Jaqbel li kien f'dak iż-żmien li missieru telaq lejn Malta. Jaqbel ukoll li hemmhekk huma u ommhom marru joqodu għand in-nanniet materni.

Jgħid li ma jiftakarx diskors li huma kellhom isegwu lil missieru lejn Malta.

Jgħid li ma jaf xejn dwar dubbji li missieru setgħa kellu dwar jekk hutu t-tewmien kienux tiegħu wkoll.

Jgħid li tul il-maġġoranza ta' ħajtu ommu kienet tnaddaf lin-nies. Iżid li jahseb li ommu dejjem ħadmet, mhux bdiet taħdem f'xi żmien partikolari.

Mistoqsi kemm-il darba kien Malta wara li missieru trasloka mill-Amerika jgħid li kien Malta fl-2008 u fl-2009, fl-2010 mal-familja kollha nkluz hutu t-tewmien subien u oħtu, u fl-2016 ma' oħtu.

Jgħid li qabel dawn iż-żjarat kien ikkomunika ma kuġinitu Frida iżda qatt ma prova jagħmel kuntatt ma' missieru. Iżid li anqas mill-Amerika ma qatt prova jagħmel kuntatt ma' missieru inkluż meta sema' li kien marid.

---

[43] Traskrizzjoni bil-lingwa Ngliza a fol 157 sa 161. Traduzzjoni sintesizzata ta' din il-Qorti.

Jaqbel li oħtu Micheline kienet tgħidlu li missieru xtaq ikellmu u li ried in-numru tiegħu sabiex iċempillu. Jgħid li dak iż-żmien ma ried ebda kommunikażzjoni ma' missieru. Iżid li kien jaf li missieru kien marid terminalment.

**In rieżami**, xehed[44] li missieru telaq mill-Amerika b'mod permanenti meta huwa kellu xi 9 jew 10 snin u allura lejn l-2002.

Mistoqsi x'kienet ir-raguni l-għaliex ippersista b'li ma jkellimx lil missieru jgħid li kienet personali. Iżid li ħadd qatt ma qallu sabiex ma' jkellimx lil missieru u li ommu dejjem qaltlu li jekk rid seta' jkellmu.

Jgħid li jekk missieru ddeċieda jitlaq mill-Amerika, għal kwalsiasi kwistjoni li seta' kellu ma' ommu, dan ma' kellu xejn x'jaqsam magħhom l-ulied. Iżid li jekk ħass li rid iħalli lil uliedu warajh mela hu ma ridtx kommunikażzjoni miegħu.

Jgħid li missieru għazel li jħallihom warajh, f'qagħda finanzjarja kritika. Iżid li għalhekk huwa ddeċieda li ma jagħmilx kuntatt miegħu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-atturi aħwa Micheline u Robert Sultana, wara li premettew li fl-1 ta' Mejju, 2020 miet fir-Rabat, Għawdex missierhom, Joseph Sultana li ħalla diversi testmenti b'dak tal-aħħar irriżulta li kien testment tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro fejn ħalla dispożizzjoni li biħa eskludihom mill-wirt tiegħu, inkluż is-sehem riżervat, talbu lill din il-Qorti, *inter alia*, li tiddikjara tali dispożizzjoni testamentarja bħala nulla u inattenibbli u konsegwentement tħassar l-effetti tagħha.

Għal din it-talba attriċi, il-konvenuti Paul u Frida aħwa ġermani Muscat, neputijiet ta' Joseph Sultana, laqgħu bit-tieni eċċezzjoni tagħhom fejn eċċepew li tali dispożizzjoni testamentarja magħmula minn zijuhom

[44] Traskrizzjoni a fol 161 u 162.

Joseph Sultana fit-testment tiegħu tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro mhijiex nulla u inattenibbli iżda kienet ġustifikata u saret skont il-liġi.

F'dan id-dawl, l-atturi talbu l-inverzjoni tal-provi fuq il-kwistjoni tal-gustifikażżjoni tad-dizeredazzjoni tagħhom b'tali talba ġiet milqugħa b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2021 li ordna lill-konvenuti jressqu l-provi tagħhom dwar it-tieni eċċezzjoni tagħhom.[45]

Din id-decizjoni hija għalhekk waħda in parte limitata għat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel xejn, jingħad li l-provi in atti jikkonfermaw li d-decujus Joseph Sultana miet nhar l-1 ta' Mejju, 2020 fir-Rabat, Għawdex.[46]

Jikkonfermaw ukoll li l-istess Joseph Sultana għamel diversi testmenti f'ħajtu u dan fis-snin 2003, 2010 u 2015[47] b'dak tal-2015 – preċiżament tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro – ħassar u annulla kull testment precedent tiegħu.[48]

L-istess testment tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro huwa għalhekk l-aħħar testment tad-decujus Joseph Sultana kif inhu fil-fatt aċċettat mill-partijiet kollha f'din l-istanza. Dan tant li fit-talbiet tagħhom l-atturi jitolbu biss it-tħassar ta' dispożizzjoni testamentarja waħda tal-istess testment, ossia dik magħmula fit-tieni artikolu tiegħu u relattiva għad-dizeredazzjoni tagħhom, mentri l-konvenuti jinsistu li tali dispożizzjoni hija gustifikata u saret skont il-liġi.[49]

Id-dispożizzjoni testamentarja tad-decujus Joseph Sultana ħawn ikkontestata hija dik kontenuta fit-tieni artikolu tat-testment tiegħu tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro, li taqra testwalment kif isegwi:

[45] Ref. verbal a fol 33 u 34 u digriet a fol 35.
[46] Certifikat tal-mewt numru 127/2020 a fol 12.
[47] Ref. ricerka testamentarja a fol 13 sa 18 inkluz certifikat dwar testmenti pubblici a fol 14.
[48] Ref. l-Ewwel Artikolu tat-testment imsemmi bit-testment jinsab in atti a fol 19 u 20.
[49] Ref. l-ewwel (1) talba attriċi u t-tieni (ii) eccezzjoni tal-konvenuti.

*It-Tieni Artikolu:*
*It-testatur jinnomina u jistitwixxi b'eredi universali tiegħu fi piena u assoluta proprjeta tal-proprjeta kollha tiegħu mobbli u immobbli, korporali u inkorporali, preżenti u futuri lin-neputijiet tiegħu Frida u Paul, ulied oħt it-testatur Maria Pia Muscat, bis-sostituzzjoni vulgari ta' uliedhom u bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom skond il-liġi fin-nuqqas.*

*It-Testatur jiddikjara illi huwa mhuwiex jinnomina lill-uliedu Micheline u Robert bħala l-werrieta tiegħu peress illi huwa mhux qed jara rispett minn għandhom u minkejja t-tentativi tat-testatur sabiex ikellem lill-uliedu, huwa ilu ma' jkollu kuntatt magħhom għal dawn l-aħħar hdax (11)-il sena u għalhekk it-testatur ma jridx li uliedu jibbenefikaw b'xi mod mill-wirt tiegħu u lanqas imisshom il-porzjon riżervata lilhom fil-liġi.*[50]

Il-provizzjonijiet tal-liġi nostrana dwar id-dizeredazzjoni huma komprizi fl-Artikoli 615 sa 630 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, ossia; l-artikoli dwar is-sehem riżervat u d-diżeredazzjoni, bl-artikoli li jittrattaw id-dizeredazzjoni proprja u huma rilevanti għal-kawza *de quo* huma s-segwenti:

**622.** *Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għaldaqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.*

**623.** *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 630,*[51] *ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:*

*a) jekk id-dixxendent ikun ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;*
*b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*
*c) jekk, fil-każ li d-dixxendent setà jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*
*d) jekk id-dixxendent sawwat lit-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*

[50] Ref. Artikolu Tnejn tat-testment tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro a fol 19 u 20.
[51] L-Artikolu 630 jaqra kif isegwi: **630.** *Jekk dak li lilu jmiss is-sehem riżervat ikun interdett minħabba tberbiq, jew ikun hekk mgħobbi bid-djun li s-sehemriżervat, jew mill-anqas il-biċċa l-kbira tiegħu, jiġi mikul b'dawkid-djun, it-testatur jista', b'dikjarazzjoni espressa, jiddiżeredah, ujħalli s-sehem riżervat lill-ulied jew lid-dixxendenti ta' dik il-persuna.*

e) *jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;*
f) *jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħħa mingħajr konnivenza tat-testatur;*
g) *f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent.*

**625.** *(1) Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.*

*(2) Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed.*

**629.** *Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riżervat biss.*

Minn dawn l-artikoli suċċitati huwa ċar li l-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġi mcaħħda mill-istess jedd [i] b'dikjarazzjoni magħmula għaldaqshekk mit-testatur – ref. Artikolu 622 – u; [ii] għal raguni msemmija fil-kodici – ukoll a tenur tal-Artikolu 622.

Fost il-persuni li għandhom jedd għas-sehem riżervat hemm id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj – ref. Artikolu 615(1) tal-Kap. 16.

B'dan iżda li f'din il-kawża it-talbiet qed isiru biss mit-tfal ossia d-dixxendenti tad-decujus Joseph Sultana, l-atturi Robert u Micheline aħwa Sultana. Ommhom Josephine Grech dehret biss f'dawn il-proceduri "*għan-nom u in rappreżentanza tal-imsefrin uliedha*" Robert u Micheline msemmija.

Għaldaqstant, u mingħajr xejn ma jingħad li divorzju debitament pronunzjat bejn partijiet miżżewġa – kif sehh bejn omm l-atturi Josephine Grech u d-decujus missierhom Joseph Sultana[52] – jaf iwassal għat-telf ta' kull dritt ta' eredita' ta parti favur l-assi ereditarji ta' dik premorjanti – kwistjoni li f'dan il-każ ma' ġietx eżaminata stante dak diga magħdud li l-eks mara tad-decujus Joseph Sultana ma dehritx f'dawn il-proceduri

[52] Ref. decizjoni ta' divorzju moghtija mill-Qorti Amerikana a fol 103 sa 106.

wkoll f'isimħa proprju; huwa ċar li f'dan il-każ l-uniċi persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat li jista jiġi mtellef huma l-attur Robert u Micheline aħwa Sultana – *dixxendenti* tad-decujus.

Bħala ragunijiet li fuqhom imbagħad tali persuni jistgħu jiġi dizeredati hemm dawk elenkati b'mod ezawrjenti fl-Artikolu 623 suċċitat.

Li tali elenku ta' ragunijiet huwa wieħed ezawrjenti jirrizulta ċar mid-dicitura tal-artikolu 623 inniffus li jrid li *(i)r-ragunijiet li għalihom dixxendent jista jiġi dizeredat huma dawn biss li gejjin*.

Minn qari akkurat tat-tali ragunijiet hekk elenkati fl-Artikolu 623 fid-dawl tal-provi mressqa tul dawn il-proceduri, jirrizulta ampjament li ebda waħda mir-ragunijiet hemm elenkati fil-paragrafi (a), (b), (c), (f), jew (g) ma' jistgħu jsibu applikażżjoni għal-każ odjern.

Jiqba għalhekk biss il-possibbilità ta' deseredazzjoni a tenur tar-ragunijiet elenkati fil-paragrafu (d) – li jikkontempla is-swat jew mohqrija lejn it-testatur – u tal-paragrafu (e) - li jikkontempla l-offiza gravi.

Bir-raguni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diseredazzjoni[53] – f'dan il-każ, mill-konvenuti u, f'każ fejn tissemma izjed minn raguni waħda jkun bizzejjed li tiġi ppruvata biss waħda minnhom – ref. Artikolu 625 suċċitat.

Fin-nuqqas ta' prova dwar ir-raguni reklamata għad-dizeredazzjoni, kif ukoll fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni magħmula mit-testatur dwar id-dizeredazzjoni kif anke jrid l-Artikolu 622 suċċitat – id-dizeredat jibqalu l-jedd għas-sehem riżervat – ref. Artikolu 629 ukoll suċċitat.

F'din il-kawza, u kif diġà iċċitat testwalment *supra*, fit-Tieni Artikolu tat-testment tiegħu tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro, it-testatur Joseph Sultana għamel dikjarazzjoni dwar ir-raguni minnu mogħtija għad-dizeredazzjoni taż-żewġ uliedu, l-atturi odjerni, fejn stqarr li kien qed jagħzel li jiddizeredita liż-żewġ uliedu *peress illi huwa mhux qed jara rispett minn għandhom u minkejja t-tentativi* (tiegħu) *sabiex*

[53] Ara ***Grezzju Mifsud et vs Giorgia Mifsud et*** deciza fl-10 ta' April, 2003 mill-Prim'Awla Qorti Civili, u ***Filippa Debono et vs Alfred Falzon et*** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2003. Ara wkoll ***Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et*** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili, fis-7 ta' Jannar, 1936.

*ikellem lill-uliedu, huwa ilu ma' jkollu kuntatt magħhom għal dawn l-aħħar hdax (11)-il sena.*[54]

Kif diġà ingħad ħawn aktar 'il fuq, huwa ċar li tali raguni assenjata mid-decujus għad-decizjoni tiegħu sabiex jigu dizeredati uliedu ma' tista tinkwadra f'ebda raguni elenkata fl-Artikolu 623 jekk mhux potenzjalment dawk elenkata fil-paragrafu (d) fejn dan jitkellem dwar "mohqrija" jew fil-paragrafu (e) li jitkellem dwar "offiza gravi".

F'dan is-sens, fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħhom, il-konvenuti jidhru japplikaw ukoll dawn iż-żewġ ragunijiet in sostenn tat-tezi tagħhom li d-dizeredazzjoni tal-atturi għandha tkun meqjusa valida u gustifikata.

***Dwar il-mohqrija:***

Dwar il-mohqrija bħala raguni għad-dizeredazzjoni, huwa minnu li *l-liġi tagħna ma tagħtix definiżżjoni ta' x'tikkostitwixxi mohqrija* b'dan iżda li *l-agir u l-azzjonijiet ta' persuna mixlija b'mohqrija għandhom ikunu ntenzjonati u gravi b'mod tali li ma jistax jitqies li huma aċċettabbli fil-konfront ta' persuna.*

Dan ingħad *inter alia* fid-decizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali nhar it-18 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet ***Anthony Pace vs Frances sive Franca Camilleri et,*** bil-Qorti tal-Appell kompliet imbagħad sabiex fl-appell interpost mill-istess decizjoni deciz nhar is-26 ta' Mejju, 2017, sostniet li:

> *18. Fil-każ odjern jirrizulta li t-testatrici strahet fuq id-dispożizzjoni tal-Artikolu 623 [d] tal-Kodiċi Ċivili biex tiddizereda lill-attur u ssemmi specikament "atti ta' mohqrija" da parti tiegħu fil-konfront tagħha. In vena legali u b'mod generali din il-Qorti tosserva li t-terminu "mohqrija" għandu jiġi mifhum li hu dak il-komportament uman abuziv li profondament ikun weġġa' lit-testatur matul ħajtu mhux biss fizikament iżda anke psikologikament b'mod li allura jkun ta' certu gravita` li jopprimi lit-testatur sa tali grad li dan jasal sabiex jeskludi lill-wild tiegħu milli jieħu mill-gid tiegħu wara mewtu, anke minn dak il-porzjon li l-liġi espressament tirriżerva għall-ulied. Il-mohqrija trid tkun sa tali grad li tiġġustifika l-eċċezzjoni għan-norma legali li tagħti d-dritt lill-ulied għal legittima.*

[54] Ref. kopja tat-testment a fol 19 u 20.

*19. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li f'dan il-każ tali komportament abbuziv ma jikkonfigurax. Mill-atti, u anke minn dak li rat u semgħet l-ewwel Qorti, jirrizulta li l-attur huwa bniedem vulnerabbli u kien ikollu litigji ma' ommu meta din kienet twissih biex ma jagħmilhiex ma' terz peress li dan ma kienx ta' gid għalih. Min-naħa tiegħu l-attur kien jirreagixxi b'mod immatur imma ma jirrizultax li kellu l-intenzjoni li jweġġa' jew jahqar lil ommu fit-termini tal-artikolu precitat. It-tilwim kien dak li solitament isehh bejn il-ġenitrui u t-tfal mhux maturi meta dawn jirrezistu l-parir jew ix-xewqa tal-ġenitrui tagħhom.*

*[…]*

*21. Rigward in-numru ta' xhieda, elenkati mill-konvenuti fl-aġġravju u li, skont huma, kellhom ikunu sufficjenti sabiex jpprevalu fuq il-verzjoni mogħtija mill-attur, din il-Qorti tosserva li l-kejl li bih qorti gudikanti tqis i-lprovi sabiex tasal għall-konkluzjoni tagħha, mhuwiex in-numru tax-xhieda iżda l-kwalita` tax-xieħda, b'mod li xhud wieħed biss, jekk emmnut mill-Qorti li tkun semgħet il-provi viva voce, bħal fil-każ preżenti, jista' jkun bizzejjed sabiex il-Qorti legittimament isserrah d-decizjoni tagħha fuq id-depozizzjoni jew depozizzjonijiet tiegħu.*

Dan wara li l-Qorti tal-Appell osservat l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali li kkunsidrat anke li d-dizeredat kien akkuzat li ma kienx imur jara lil ommu, lanqas meta kienet l-isptar, li jgħaddi minn quddiem ommu u la jkellimħa u anqas isellmilha, li jgħajjarħa u jinsulentaħa b'ommu kienet imweġġa ħafna dwar dan, li ma kienx imur jaraħa u li hi dejjem tistaqsi u tibki għalih, u li, addirittura, f'xi stadju ta' ħajjitħa hebb għalija jew ittenta jagħmel hekk u ġie mizmum minn terzi u, minkejja dan, il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali kkonkludiet li fil-fehma tagħha *ma rravizatx atti ta' mohqrija min-naħa ta' l-attur fil-konfront ta' ommu li kienu jagħtu lok għal dizeredazzjoni*.

Fid-decizjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-4 ta' Dicembru, 2006 fl-ismijiet ***Maria Concetta Shires et vs Vincent Bonello et*** ġie mbagħad addirittura ritenut li:

> *Din il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina jekk inekwivokalment hemmx il-prova li l-attriċi sawwtet jew xort'oħra saret ħatja ta' mohqrija, jew ikkawzat offiza gravi fuq it-testatur. Il-provi jidhru konfliġġenti u għalkemm jidher li l-attriċi hebbet għat-testatur ma hemmx prova konklusiva li fil-fatt hi sawtet jew ikkawzat offiza gravi fuq it-testatur. Zgur li t-testatur kien imweġġa' bl-agir tal-attriċi iżda* (dan) *ma jwassalx għall-provi sufficjenti għal diseridazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, ma jistax jingħad illi l-attriċi kienet ħatja ta' mohqrija kontra l-ġenitrui tagħha.*

Dan il-ħsieb huwa kondiviż minn din il-Qorti li tħaddan il-fehma li anke l-fatt li l-*"mohqrija"* hija nkluza bħala raguni għad-dizeredazzjoni flimkien mas-swat fl-istess paragrafu (d) tal-Artikolu 623 jippremetti li bħala mohqrija trid tkun tali li tammonta għal-ferm aktar minn dizgwid li jista jwassal għal nuqqas ta' kliem bejn il-parti testatrici u l-wild dixxendenti tagħha.

Fil-każ in mertu, u mill-assjem tal-provi, ma' tirraffigura ebda mohqrija.

Dak li jirrizulta skont din il-Qorti huwa dispjacir da parti taż-żewġ partijiet rilevanti: id-decujus *qua* testatur li kien dispjacut li uliedu mhux ikellmuh u ma' setgħa jassenja ebda raguni valida għal tali mġieba tagħhom iżda wkoll l-ulied *qua* dixxendenti tiegħu li mill-provi in atti jirrizulta li ħassawhom abbandunati minn missierhom stante s-separazzjoni tiegħu minn ma' ommhom wara li huwa telaq mill-pajjiz fejn kienu jgħixu u ġie Malta mingħajrom, b'dan sehh filwaqt li huma ma' setgħux ezattament jifhmu x'gara stante l-età tenera tagħhom.

Hija għalhekk il-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti li ma' irrizultawx atti ta' mohqrija min-naħa tal-atturi fil-konfront ta' missierhom li jistgħu validament jagħtu lok għal dizeredazzjoni.

***Dwar l-offiża gravi:***

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-29 ta' Marzu, 1949 fl-ismijiet ***Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto v- Tabib Dr. Angelo dei Baroni Attard Montalto***[55] ġie ritenut li:

[55] Kollez. Vol. XXXIII P II p 357.

*Il-kondotta ħazina tat-tifel jew dixxendent ieħor tista tkun tikkonsisti fl-atti ta' krudelta abitwali jew f'atti tali li t-tifel jew dixxendent ieħor, jagħmel apposta biex jinki, u b'hekk iweġġa l-qalb tal-ġenitrui jew axxendenti oħra, jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' l-axxendent; imma f'dawn il-każijiet mhix il-kattiva kondotta li tagħti lok għad-dizeredazzjoni, imma l-moħqrija kontemplata fl-ittra (d) tac-citat art. 660* (illum art. 623) *tal-Kodiċi Ċivili fl-ewwel każ, u fit-tieni każ l-ingurja kontemplata fl-ittra (e) tal-istess artikolu.*

Din il-Qorti għalhekk, trid teżamina l-motivazzjonijiet tal-atturi ulied, wara n-nuqqas tagħhom li jagħmlu kuntatt ma' missierhom. Hekk tkun tista' tikkonkludi jekk dan l-agir jammontax għal *"offiza gravi"* fil-konfront tat-testatur fit-termini tal-Artikolu 623(e).

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħraf li l-aħwa Micheline u Robert Sultana, atturi, irrakontaw stejjer differenti.

L-attriċi Micheline Sultana tgħid li wara l-2002 meta missiera telaq mill-Amerika lejn Malta hija rat lill missieri kif isegwi: [i] darba meta mar lura l-Amerika ftit wara li kien telaq lejn Malta fejn hi kien għadha tfal; [ii] darba oħra fl-2016 meta fuq inizzjattiva tagħha ltaqgħet miegħu Għawdex wara li tkellmet ma' kuġinitha l-konvenuta Frida Saliba. Minn wara din id-darba baqgħet f'kuntatt kontinwu ma' missiera, u; [ii] reġgħet imbagħad ratu fl-2019 meta saret taf li kien marid terminali u ġiet Malta għal xi gimgħat sabiex tqatta l-hin miegħu. Iżżid li ma' rnexxiliex terga tarah qabel miet fl-2010 iżda dan kawza tal-pandemija tal-*Covid-19* – verzjoni li jikkorroboraw ukoll il-konvenuti u xhieda ulterjuri tagħhom kwazi fl-intier tagħha.

Da parti tiegħu, l-attur Robert Sultana jinsisti li huwa, wara li ħassu abbandunat minn missieru bħala tfajjel meta missieru telaq mill-Amerika lejn Malta u gar kollox miegħu; ma ħass l-ebda bżonn jerga jkun f'kuntatt ma' missieru minkejja li kien inkoraġġiet jagħmel kuntatt miegħu kemm minn oħtu l-attriċi kif ukoll minn ommhu, b'oħtu kienet addirittura twassallu messaġġi mingħand missierhom li dan xtaq ikellmu u talab anke għan-numru tat-telefon tiegħu sabiex icempillu.

Għalkemm din il-Qorti ssostni li n-nuqqas tal-attur li jzur lil missieru addirittura meta kien jaf li qiegħed l-isptar u anke lejn l-aħħar ta' ħajtu jista jitqies bħala kondotta ħazina jekk mhux ukoll censurabbli; minkejja

dan, din il-Qorti ma tarax li din il-kondotta hija tali li tista' tissarraf f'*"offiza gravi"* fit-termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 623(e) tal-Kodiċi Ċivili.

Fuq stregwa tal-insenjament tad-decizjoni appena ċċitata, din il-Qorti hija moralment konvinta li n-nuqqas tal-wild f'li jzur lil missieru, f'dan il-każ, ma sarx *apposta biex jinki, u b'hekk iweġġa l-qalb* […], *jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' l-axxendent;* iżda, kif stqarr l-attur stess fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, kien frott tad-dwejjaq u d-dizappunt għal mod kif kien gab ruhu miegħu missieru.

Da parti tal-attriċi certament ma' tirraffigurax *"l-offiza gravi"* meta din irrimedjat għat-tkissir tar-relazzjoni tagħha ma' missierha lura fl-2016 fejn fuq inizzjattiva tagħha avvicinat lill-missierha, kellmitu, u minn hemm zammew kuntatt u anke ġiet zaritu meta ġie dijanjostikat b'marda terminali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jiġi ulterjorment ribadit li fil-gurisprudenza nostrana, *inter alia*, fid-decizjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Jannar, 1936 fl-ismijiet ***Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et*** ġie ritenut li *fil-Kodici tagħna ġiet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawza tad-dizeredazzjoni għandha tkun provata mingħand min isostni d-dizeredazzjoni.*

F'dan il-każ, il-Qorti kompliet issostni:

> *Illi jista' jingħad illi l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa` d-dizeredazzjoni għaliex għandha tiġi rispettata l-volonta` tat-testatur. Il-verita hija illi l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qiegħed jimpunja d-dizeredazzjoni, għaliex id-dizeredazzjoni, kif igħid il-Merlin (loco citato) hija ħaġa odjuza (page 824).*
>
> *Il-liġi anke kontra l-volonta` tat-testatur, irriżervat lil certi persuni sehem mill-wirt ta' l-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'dispozzizzjoni testamentarja jidderoga għal-liġi, u jħassar l-effikacja tar-rizervi li l-liġi għamlet anke f'każ ta' preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bżonn li tkun tezisti kawza minn dawk enumerati mil-liġi u hemm bżonn li tiġi sodifacentement provata mill-eredi. Il-liġi tippermetti d-deroga għad*

*dispożizzjonijiet tagħha dwar il-legittima f'każi determinanti; hemm bżonn kwindi li dawk il-każi jigu ppruvati.*

Fl-istess każ ġie wkoll ribadit dan li jsegwi:

*Skond id-dritt ta' l-Imperatur Giustiniano, Novella 115, f'każ ta' insostenibilita` tad-diseredazzjoni, l-legittimarju kellu d-dritt tal-'Querela Nullitatis ex Novo Jure' , li biħa kien iwaqqa' l-istituzzjoni ta' l-eredi. Fid-Dritt Malti, il-legittimarju m'għandux dan id-dritt, imma jieħu biss il-legittima.*

Din il-Qorti hija sodisfatta li l-prova rikjesta mill-konvenuti, bħala l-persuni li jsostnu l-validita' tad-diseredazzjoni, a tenur tal-gurisprudenza suċċitata kif ukoll tal-Artikolu 625(1) u l-Artikolu 629 tal-Kap. 16 ma saritx.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha ħawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u, konsegwentement, tiċħad it-tieni (ii) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti b'dan li tiddikjara d-dispożizzjoni testamentarja magħmula mit-testatur Joseph Sultana fit-testment tiegħu tad-9 ta' Lulju, 2015 in atti Nutar Maria Vella Magro fejn ordna li wliedu l-atturi lanqas għandu jmisshom il-porzjon riżervata lilhom fil-liġi bħala nulla u inattenibbli u, konsegwentement, tħassar l-effetti tagħha.

Bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni in parte a karigu tal-konvenuti.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**